**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2016**

Numru 13

**Fl-atti tar-Rikors Nru: 69/2016**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Dr. Micahael Spiteri bhala kuratur ta' Joseph Gatt**
**in segwitu ghall-proceduri ta' falliment u**
**Mariella Gatt**

**Il-Qorti**

Rat il-verbal tal-Qorti tal-1 ta' Marzu 2016 fejn qamet il-kwistjoni jekk it-talba tal-bank rikorrenti kontra Dr. Michael Spiteri bhala kuratur ta' Joseph Gatt in segwitu ghal proceduri ta' falliment kienux proceduralment korretti.

Dr. Michael Spiteri qajjem il-kwistjoni jekk hux legittimu kontradittur in vista tal-fatt li l-proceduri ta' falliment inbdew minn Joseph Gatt u gew decizi b'sentenza tat-22 ta' Ottubru 2004 u l-kuratur temm l-inkarigu tieghu fis-17 ta' April 2015, ghalhekk ma kellu ebda funzjoni bhala kuratur.

Il-bank attur qed jistrieh fuq l-artikolu 500 tal-Kap. 13 li jghid hekk:

> Miz-zmien li l-kuraturi jidhlu ghad-dmirijiet tal-kariga taghhom, kull azzjoni civili mibdija qabel il-falliment kontra l-persuna u l-beni tal-fallut ma tistax tissokta hlief kontra l-kuraturi. Wara l-falliment, ma tista' tinbeda ebda azzjoni hlief kontra l-kuraturi.

Fil-falliment **Rinaldo Zahra pro et noe vs Carmelo Grech** (Kumm 29/02/1957) intqal:

> Skond is-sistema tal-ligi taghna, l-istat tal-falliment jistabbilixxi ruhu invarjabilment u indivizibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza tal-effetti u tal-konsegwenzi tieghu, biss bis-sentenza tal-Qorti, li tiddikjarah fuq l-istanza teighu jew tal-kredituri. U wara din is-sentenza, u mhux qabel, l-azzjonijiet civili kontra l-fallut ghandhom jigu promossi jew prosegwiti kontra l-kuratur tal-falliment.

In oltre kif jghid **Debono** ”il-Fallimenti nel Diretto”, Maltse, pg. 35: ’e’ con questa sentenza che si nomina il curatore per esecutare le funzioni attributegli dalla legga durante il regime del fallimento.

F’dan il-kaz pero jidher mill-atti voluminuzi tal-falliment ta’ Joseph Gatt li din il-Qorti fliet (1159/2001/1) illi l-funzjonijiet tal-kuratur tal-falliment spiccaw b’digriet tal-Qorti f’dawk il-proceduri datat 17 ta’ April 2015 fejn il-Qorti ddegretat wara li kkonfermat it-taxxa tad-drittijiet tal-kuratur illi ma kien jehtieg ebda provediment ulterjuri u l-Qorti waqfet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz.

F’dawn ic-cirkostanzi, il-proceduri ta’ falliment ta’ Joseph Gatt gie maghluq u kwindi kull azzjoni ta’ kwalsiasi natura llum trid tittiehed fil-konfront ta’ Joseph Gatt personalment, iktar u iktar meta fil-proceduri ta’ falliment li fihom il-bank HSBC kien ipprezenta xi atti u ghalhekk kien jaf bil-proceduri, ma ppartecipax biex izomm miftuha l-proceduri ta’ falliment.

**Decide**

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-oggezzjoni tal-kuratur tal-falliment li l-azzjoni issir kontrih hi attendibbli u tirrendi l-procedura inizjata b’dan il-mod bhala irregolari proceduralment u qed tichadha, bl-ispejjez ghall-bank rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur